Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-30 ta' Mejju, 2003

Appell Civili Numru. 133/1997/1

**Charles u Theresa konjugi Debono**

**Vs**

**Is-Socjeta` Ceiling Systems Limited**

**Il-Qorti;**

**<u>I PRELIMINARI</u>**

1. B’att ta’ citazzjoni pprezentat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) Superjuri fit-3 ta’ Lulju 1997, l-atturi Charles u Theresa, konjugi Debono, ippremettew illi:

Huma xtraw minghand is-socjeta` konvenuta *air-conditioners* tal-marka “*Sonai*” u dan skond ftehim iffirmat bejniethom fl-ewwel (1) ta’ Settembru ta’ l-elf disa’ mija u hamsa u disghin (1995) versu l-prezz ta’ tmien mitt lira Maltin (Lm800) li lkoll jinsabu mhallsa;
Illi s-socjeta` konvenuta kellha mhux biss tipprovdi izda anki tistalla l-istess *appliances* fid-dar “Littlewood”, Triq it-Telegrafu, Nadur, Ghawdex;

Illi l-istess *units* gew stallati ghall-habta ta’nofs ix-xahar ta’ Settembru 1995;

Illi hekk kif gew stallati dawn l-*air conditioners* irrizultaw difettuzi u infatti ma kienux jiffunzjonaw regolarment;

Illi s-socjeta` konvenuta giet immedjatament mgharrfa b’dan il-malfunzjonament u l-istess socjeta` ppromettiet li tirripara l-hsara. Madanakollu minkejja li saru diversi tentattivi mifruxa tul bosta xhur da parti tat-teknici tal-kumpanija konvenuta u minkejja li nbidlu xi *parts* mill-istess *units, l-air conditioners* baqghu ma jiffunzjonawx kif suppost;

Illi wara li l-ahhar tentattiv ghat-tiswija kienu minghajr utilita`, irrizulta definittivament li dawn il-*units* mhumiex tajba ghall-iskop li ghalih gew akkwistati. Certament li kieku l-attur kien jaf b’dawn id-difetti ma kienx ser jixtrihom;

Illi minkejja diversi talbiet da parti ta’ l-atturi sabiex jirristitwixxu l-flus imhallsa jew jipprovdu *units* godda, l-istess socjeta` konvenuta baqghet inadempjenti.

In segwitu ghal dawn il-premessi, l-atturi talbu lil din il-Qorti:
1. Tiddikjara illi l-*air conditioners* mixtrija mill-atturi minghand is-socjeta` konvenuta kif fuq spjegat kienu

effettwati minn difetti mohbija li jaghmluhom mhux tajba ghall-iskop li ghalih gew akkwistati;

2. Konsegwentement tordna r-rexxissjoni ta’ dan il-bejgh;

3. Tikkundanna lis-socjeta` konvenuta sabiex tirrifondi lill-attur il-prezz minnu [recte: minnhom] mhallas ta’ tmien mitt Lira Maltin (Lm800).

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra interpellatorja datata 12 ta’ April 1997 u ta’ l-ittra ufficjali spedita f’April 1997.

2. Bin-nota ta’ l-eccezzjonijiet taghha s-socjeta` konvenuta eccepiet illi:
1. Preliminarjament il-preskrizzjoni ta’ l-azzjoni attrici skond l-Artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili (Kap. 16);

2. Bla pregudizzju ghall-premess, il-hsara li sofrew l-impjanti ta’ l-arja kondizzjonata saret minn uzu hazin ta’ l-impjanti mill-istess atturi;

3. Illi wkoll bla pregudizzju ghall-premess il-hsara mhijiex ta’ gravita` li ma tirrendix l-apparati mhux tajba ghall-uzu mahsub;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

3. Fis-27 ta’ Novembru, 1997, l-ewwel Onorabbli Qorti innominat lit-tekniku Henry Baker bhala espert biex jirrelata dwar it-talbiet ta’ l-atturi wara li jiehu in konsiderazzjoni l-eccezzjonijiet tas-socjeta` konvenuta. Dana l-espert ipprezenta u halef ir-relazzjoni tieghu fit-28 ta’ Ottubru 1998.

4. Wara li l-ewwel Onorabbli Qorti semghet il-provi li ressqu l-kontendenti, hija ippronunzjat is-sentenza taghha fil-11 ta’ Jannar 2000 li biha laqghet l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta` konvenuta u dana wara li ddeliberat hekk:-
“Ili fl-ewwel eccezzjoni taghha s-socjeta` konvenuta qajmet ostaklu ghall-azzjoni attrici fil-kuntest ta’ l-artikolu 1431(I) tal-Kap. 16, liema artikolu jippreskrivi terminu ta’

sitt (6) xhur ghall-azzjoni ridebitorja bhal din intentata mill-atturi. Ikun opportun ghalhekk illi l-Qorti tiddisponi minn din l-eccezzjoni qabel ma tkompli bil-kawza u tikkonsidra l-meritu.

Jibda biex jinghad illi dan it-terminu huwa wiehed ta' dekadenza u mhux soggett ghall-interuzzjoni jew sospensjoni bhal fil-kaz ta' preskrizzjoni. Il-Qrati taghna dejjem irritenew dan it-taghlim u f'kawza tipika fl-ismijiet "William Savona vs Carlo Stivala" (Vol. XXVIII part II, pagna 922) il-Qorti irriteniet illi t-terminu imsemmi huwa terminu ta' dekadenza u ta' rigur u ghalhekk mhux soggett ghal interruzzjoni jew sospensjoni bhal fil-kaz tal-preskrizzjoni. L-istess Qorti ghamlet referenza ghal dak illi qalet il-Qorti fis-sentenza taghha "Ugo VanHall vs Alfredo Caruana" (16/4/1891) u cioe` li ghall-azzjoni ridebitorja gie ffissat terminu qasir billi l-bejjiegh jekk jghaddi certu zmien ma jkunx f'posizzjoni illi jiddefendi ruhu sew kontra allegazzjoni ta' vizzji okkulti li jizviluppaw jew wiehed jinduna bihom wara li jsehh in-negozju.

L-istess fil-kawza "Darmanin nomine vs Spiteri Debono" (Vol. XXVII, pagna 534) *"il termine di un mese contemplato nel articolo 1481 e' un termine di decadenza e non di prescrizione…".*

Dan stabbilit, il-Qorti issa trid tiddetermina meta beda jghaddi dan it-terminu. Skond l-istess artikolu dan it-terminu jibda jghaddi jew minn dakinhar tal-konsenja jew inkella minn dakinhar illi l-kompratur seta' induna bid-difett illi kellu l-oggett li xtara.

Irrizulta mill-provi illi l-attur Carmel Debono xtara l-*air-conditioners* minghand is-socjeta` konvenuta f'Settembru 1995, u jidher illi ftit wara bdew jimmanifestaw certa difetti billi ma jiffunzjonawx kif sppost u zgur illi ghal tlett darbiet wara u cioe` fis-27 ta' Frar 1996, 9 ta' Dicembru 1996, u 4 ta' Frar 1997 (fol 99 sa 102) gew it-*technicians* tas-socjeta` konvenuta sabiex isewwu xi difetti illi hargu mill-uzu ta' dawn l-*air-conditioners.*

L-attur argumenta illi dan it-terminu jibda jghaddi mill-ahhar gurnata illi gie t-*technician* biex isewwi dawn il-*units* u cioe` fl-4 ta' Frar 1997 fejn allura ipoggi fit-terminu stabbilit fl-artikolu 1431(1) tal-Kodici Civili peress illi c-citazzjoni giet ipprezentata fi zmien hames (5) xhur wara dan l-ahhar attentat. Bir-rispett, il-Qorti ma jidhrilhiex illi dan huwa argument li jista' jintuza ghal dan il-kaz. Kif gia inghad dan it-terminu moghti fl-artikolu fuq imsemmi hu wiehed ta' dekadenza u mhux ta' preskrizzjoni illi b'xi mod jew iehor jista' jigi interrott. La darba l-kompratur induna bid-difett fl-oggett illi xtara ftit wara illi gew konsenjati lilu, allura t-terminu skond dan l-artikolu jibda jghaddi minn dakinhar.

Hekk insibu per ezempju illi ricentement fil-kawza deciza mill-Qorti ta' l-Appell "Joseph Zerafa et vs Saviour Delia" fl-4 ta' Gunju 1997 il-Qorti qalet illi l-perjodu preskrittiv ghall-actio ridebitoria u actio stimatoria jibdew jghaddu mill-gurnata ta' wara illi wiehed ikun skopra d-difett. L-istess "Emanuel Cassar vs Joseph Micallef" deciza mill-Qorti tal-Kummerc fl-14 ta' Jannar 1994. Veru illi l-atturi ppruvaw kemm-il darba jsibu soluzzjoni ghal dan id-difett billi jgibu t-*technicians* tas-socjeta` konvenuta illi baghtet dawn it-*technicians* mill-anqas tlett darbiet izda d-difett baqa' dejjem hemm.

Apparti l-kwistjoni teknika ghaliex dawn l-*air-conditions* immanifestaw certu difett – u hawn il-Qorti taghmel riferenza ghar-relazzjoni tat-tekniku Henry Baker – l-atturi kellhom id-dritt jitolbu dawn is-servizzi tramite l-garanzija illi s-socjeta konvenuta u wkoll il-ligi timponi fuq il-bejjiegh ghall-oggett illi jkun gie mibjugh. Jista' jkun illi l-atturi kellhom u ghad ghandhom dritt kontra s-socjeta` konvenuta a bazi tal-garanzija lilhom moghtija. L-atturi hallsu l-flus kollha ta' l-oggett illi xtraw minghand is-socjeta` konvenuta u din min-naha l-ohra ghandha d-dritt illi tara illi l-oggett li jkun mibjugh ikun fi stat tajjeb u jiffunzjona kif suppost. L-*air-conditioners* bhala tali huma tajbin imma ghandhom difett illi jista' jigi rimedjat skond kif ikkonkluda l-istess tekniku, imma dan id-difett irid jigi msewwi tramite l-garanzija illi giet moghtija lill-atturi u mhux tramite din l-azzjoni.

llum din l-azzjoni tinsab preskritta peress illi ghaddew ferm aktar minn sitt (6) xhur minn dakinhar illi l-atturi indunaw bid-difetti ta' dawn l-*air-conditioners* u ghalhekk issa ma jistghux aktar jitolbu r-rizoluzzjoni tal-bejgh u r-refuzjoni tal-flus.  Jista' jkun illi ghandhom azzjoni ohra spettanti lilhom pero` zgur mhux din l-*actio redibitoria*.

Il-Qorti ghalhekk jidhrilha illi din l-eccezzjoni preliminari mqajma mis-socjeta` konvenuta ghandha l-fondament taghha u tisthoq li tkun milqugha.  Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeciedi illi filwaqt illi tilqa' l-ewwel eccezzjoni ta' preskrizzjoni tas-socjeta` konvenuta, tiddikjara l-azzjoni attrici preskritta ai termini ta' l-artikolu 1431(1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u konsegwentement tillibera lis-socjeta` konvenuta mill-osservanza tal-gudizzju.

Bl-ispejjez kontra l-atturi."

**<u>II L-APPELL</u>**

5.  L-atturi intavolaw appell minn din id-decizjoni ghar-ragunijiet mijuba minnhom fir-rikors ta' appell taghhom, huma talbu li dina l-Qorti joghgobha tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata u tiddeciedi minflok billi tilqa' talbiet tal-atturi bl-ispejjez.

6.  Is-socjeta` konvenuta wiegbet ghall-aggravji mressqa mill-atturi appellanti fir-risposta ta' l-appell taghha.  Hija sostniet li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet li l-appell jigi rifjutat bl-ispejjez.

**<u>III KONSIDERAZZJONIJIET TA' DINA L-QORTI</u>**

7.  L-atturi appellanti xtraw zewg *air-conditioners* minghand is-socjeta` konvenuta, li wkoll hadet hsieb tistallahom fir-residenza tal-appellanti.  Huma qeghdin jallegaw li dan l-apparat kellu difetti mohbija li jaghmluh mhux tajjeb ghall-iskop li ghalih intraw.

Ghalhekk l-appellanti istitwew l-azzjoni redibitorja li permezz taghha qed jitolbu li l-Qorti taghmel dikjarazzjoni

f'dak is-sens u konsegwentement tordna r-rexxissjoni tal-bejgh u r-refuzjoni tal-prezz ta' Lm800.

8. Bil-ligi l-bejjiegh jaghti garanzija ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha. Difett huwa wiehed okkult jew mohbi meta x-xerrej b'diligenza ordinarja ma jkunx jista' jiskopri d-difett. Meta l-haga mibjugha timmanifesta, ghal xerrej ordinarjament attent, difett jew tracci li jindikaw l-ezistenza ta' difett, allura l-vizzju jkun wiehed apparenti. Naturalment, biex tigi determinata n-natura tal-vizzju f'kaz partikolari l-gudikant ikun irid jaghmel apprezzament tac-cirkostanzi kollha tal-kaz fosthom dawk taz-zmien, tal-post u tal-persuni involuti. Il-ligi tobbliga l-bejjiegh li jaghmel tajjeb ghad-difetti li ma jidhrux tal-haga mibjugha illi jaghmluha mhux tajba ghall-uzu li ghalih hija mahsuba, jew li jnaqqsu daqshekk il-valur taghha illi x-xerrej ma kienx jixtriha jew kien joffri prezz izghar li kieku kien jaf bihom. Il-bejjiegh, pero`, skond il-ligi ma jwegibx ghad-difetti li jidhru u li x-xerrej seta' jsir jaf bihom wahdu. F'kaz ta' difetti redibitorji x-xerrej jista' jaghzel li jagixxi b'wahda minn xi zewg azzjonijiet u cioe` jew jistitwixxi l-azzjoni redibitorja li biha jrodd il-haga mixtrija u jitlob ir-rifjuzjoni tal-prezz, inkella jintavola l-azzjoni stimatorja li biha jzomm il-haga u jitlob lura parti mill-prezz tal-haga (ara Artikoli 1424, 1425 u 1427 tal-Kodici Civili).

9. Il-ligi torbot lix-xerrej li jintavola dawn l-azzjonijiet fiz-zmien stabbilit fl-artikolu 1431 ta' l-istess Kodici Civili:-

"**1431.** (1) L-azzjoni redibitorja u l-azzjoni stimatorja jaqghu bil-preskrizzjoni, ghal dawk li huma immobbli, bl-gheluq ta' sena minn dakinhar tal-kuntratt, u, ghal dawk li huma hwejjeg mobbli, bl-gheluq ta' sitt xhur minn dakinhar tal-kunsinna tal-haga mibjugha.

(2) Izda, jekk ma setax ikun li x-xerrej jikxef id-difett li ma jidhirx tal-haga, iz-zminijiet hawn fuq imsemmija tal-preskrizzjoni ma jibdewx jghaddu hlief minn dakinhar li seta' jkun li hu jikxef dak id-difett."

10. Is-socjeta` appellata kkontestat il-kawza bi tlett eccezzjonijiet (a) b'eccezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni skond l-imsemmi artikolu 1431(1) u b'zewg eccezzjonijiet

fil-meritu, u cioe` (b) li l-hsara fl-impjant kienet dovut ghal uzu hazin da parti tal-atturi u (c) li l-istess hsara mhijiex ta' gravita tali li tirrendi l-apparat bhala mhux tajjeb ghall-uzu mahsub.

11. L-ewwel Onorabbli Qorti gabret il-provi fuq il-mertu kollu tal-kawza, izda illimitat is-sentenza taghha ghall-kwistjoni preliminari. Infatti, b'din is-sentenza, laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni billi sabet li kienu ghaddew ferm aktar minn sitt xhur minn dakinhar li l-atturi skoprew id-difett, sad-data li fiha intavolaw ic-citazzjoni odjerna.

12. Fir-rikors ta' l-appell taghhom, l-appellanti, ghalkemm ikkoncedew li terminu ta' sitt xhur kien terminu ta' dekadenza, pero` huma sostnew li meta l-venditur jirrikonoxxi l-ezistenza tad-difett u jipprova jirriparah, allura jkun hemm lok ghas-sospensjoni ta' l-imsemmi terminu. L-appellanti jikkritikaw is-sentenza appellata li irriteniet li ma' l-ewwel malfunzjonament ta' l-impjant, id-difett mohbi sar maghruf u ghalhekk skatta t-terminu stabbilit ta' l-imsemmi Artikolu 1431(1). L-appellanti sostnew li l-interpretazzjoni moghtija mill-ewwel Qorti tista' taghti lok ghal abbuz da parti tal-venditur, li biex jehles mir-responsabilita` imposta fuqu bil-ligi, joqghod iwieghed lix-xerrej u jaghmel taparsi tentattiv ta' riparazzjoni sakemm jghaddi t-terminu msemmi.

13. Is-socjeta` appellata sahqet fuq il-fatt li fil-gurisprudenza taghna, it-terminu imsemmi dejjem gie rikonoxxut bhala terminu ta' dekadenza li ma huwiex soggett ghall-interuzzjoni jew sospsensjoni bhala ma jista' jigri fil-kaz ta' termini ta' preskrizzjoni. Is-socjeta` appellata irrilevat li l-atturi ma rnexxielhomx jipprovaw li l-allegat difett mohbi kien jezisti fil-gurnata tal-bejgh jew li l-istess difett kien xi wiehed verament serju u gravi. Anzi, sostnew li mill-perizja teknika irrizulta li l-hsara fl-impjanti tal-*air conditioners* kienet facilment riparabbli billi jitbattal il-gas kollu mis-sistema , din tigi "*vacumised*" billi jitnehha kwalunkwe "*moisture*" li jkun trabba fiha u fl-ahhar nett is-sistema terga tintela bil-gas. Is-socjeta` appellata, inoltre irriteniet li l-azzjoni attrici ma tistax tirnexxi, la darba l-appellanti ghazlu li jzommu l-impjanti in kwistjoni u ma

ghaddewx ghad-depozitu taghhom taht l-awtorita` tal-Qorti, kif kienu tenuti li jaghmlu skond il-ligi, qabel jew kontestwalment mal-prezentata tac-citazzjoni taghhom.

14. Din il-Qorti hasbet fit-tul fuq l-aggravji ta' l-appellanti kif imfissra minnhom fir-rikors ta' l-appell, izda ma ssibx raguni biex tiddissenti mill-konkluzjoni li l-ewwel Qorti waslet ghaliha fis-sentenza appellata. U verament anqas issib wisq x'tista utilment izzid mar-ragunamenti fiha kontenuti. Hu assodat fil-gurisprudenza taghna li, nonostante li l-ligi tikkwalifika t-terminu stabbilit fl-Artikolu 1431(1) bhala perjodu ta' preskrizzjoni, dan it-terminu gie dejjem ritenut bhala terminu ta' dekadenza, sahansitra anke fiz-zmien qabel l-emenda introdotta fis-sena 1994. B'din l-emenda l-istess terminu gie mtawwal konsiderevolment, proprju biex jinnewtralizza certi abbuzi da parti tal-vendituri, bhal dawk li accennaw ghalihom l-appellanti odjerni fir-rikors ta' appell taghhom.

15. Billi si tratta ta' dekadenza, din il-Qorti difficilment tista' taccetta li jistghu jezistu cirkustanzi fejn dan it-terminu jista' jigi sospiz. Certament, fil-kaz odjern ma jezistu ebda cirkustanzi li jistghu talvolta jissostanzjaw tali tezi. Id-difetti notati l-ewwel darba mill-appellanti baqghu jippersistu matul iz-zmien kollu sa ma giet intavolata l-kawza odjerna u dan minkejja t-tentattivi li saru biex jigu riparati. Id-difetti ma zdiedux fil-gravita`, izda baqghu l-istess. Dan minhabba l-fatt li l-kawza taghhom ma gietx debitament identifikata mit-teknici tas-socjeta` appellata li allura applikaw mizuri rimedjali inadegwati ripetutament.

16. La l-Qorti walset ghal din il-konkluzjoni m'hemmx lok li tindaga dwar il-kwistjonijiet interessanti sollevati fir-risposta tas-socjeta` appellata u cioe` l-kwistjoni jekk id-difetti lamentati kienux difetti gravi u serji bizzejjed biex fuqhom tigi bazata "actio redhibitoria" u l-kwistjoni jekk l-azzjoni intentata mill-appellanti gietx irrimedjabilment pregudikata bil-fatt li huma zammew l-apparat in kwistjoni u ma ghaddewx ghad-depozitu tieghu taht l-Awtorita` tal-Qorti.

17. Konsegwentement, din il-Qorti sejra tikkonferma s-sentenza appellata in kwantu dina laqghet l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni eccepita. Pero`, jidhrilha li f'dan il-kaz l-gustizzja titlob li l-parti telliefa ma tbatix l-ispejjez kollha izda invece titlob li jkun hemm temperament fil-kap ta' l-ispejjez. Dana ghaliex, fl-ahhar mill-ahhar, is-socjeta` konvenuta naqset li taghti servizz tajjeb lill-appellanti – servizz li hallsu flus tajba ghalih u li gie negat lilhom ripetutament. Infatti, irrizulta mir-rapport ta' l-espert tekniku Henry Baker li l-istallazzjoni ta' l-apparat kienet sa mill-bidu nett difettuza, il-kawza tal-malfunzjonament ma gietx identifikata sewwa, u l-istess difetti qatt ma gew sodisfacentement riparati mis-socjeta` appellata, nonostante li l-appellanti tawha ampja opportunita` biex ktun tista taghmel dan. L-espert Baker irrelata:
"Li dawn id-difetti huma pjuttost simili, nuqqas ta' gas jew inkella l-access (eccess?) tieghu u difetti ohra li jirrisalu sa l-istallazzjoni taghhom. Ghalhekk dawn id-difetti ilhom hemm mill-bidu nett u l-fatt li ma gewx identifikati taw lok ghal dawn il-problemi." (Fol. 42)

Mir-relazzjoni ta' l-istess espert u specjalment mix-xhieda tieghu (ara fol 52 et seq.) jirrizulta li d-difett kien facilment riparabbli. Kieku s-socjeta` appellata qdiet id-doveri taghha sewwa u kif kellha taghmel skond il-ligi, kieku din il-kawza kienet tigi evitata, kif kienu jigu evitati l-ispejjez konsiderevoli taghha.

Ghal dawn il-motivi tichad l-appell, tikkonferma s-sentenza appellata izda tordna li l-ispejjez tas-zewg istanzi jigu sopportati bin-nofs bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------